SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN

**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 29/K5/07

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 21/03/'07** **218**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 21/03/'07** **271**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 26 ta' April 2007.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00 pm.

1.03 Preżenti: Sitt membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-iskrivana Roberta Sammut.

1.04 Skużat: Il-Kunsillier Edgar Montanaro.

1.05 Kien hemm preżenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill is-Sur Louis Padovani.

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2. Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fil-19 t'April 2007. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti.
2. Korrispondenza

3. Quarterly Report
4. Budget Revision
5. Financial Statement
6. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Request Sheets.

1.3 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi Items 3, 4 u 5 ta' l-Aġenda qabel items 1 u 2.

1.4 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

1.5 l-Kunsillier David Borg ġie skużat fis-2.10 p.m.

**3. Quarterly Report**

3.01 L-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Louis Padovani, ta spjegazzjoni ddettaljata tal-Quarterly Financial Report sal-31 ta' Marzu 2007 (Ara Appendiċi 'A').

3.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-Quarterly Financial Report sal-31 ta' Marzu 2007.

3.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**4 Budget Revision**

4.01 B'riferenza għad-deċiżjonijiet li ttieħdu fil-laqgħa Minuti 28/K5/07 datati 21 ta' Marzu 2007 u peress li l-Kunsill irċieva l-ammont ta' Lm20,782 mill-Joint Committee ta' L.E.S. sar reviżjoni tal-Budget.

4.02 Is-Sur Louis Padovani flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv taw spjegazzjoni (Ara Appendiċi 'B').

4.03 Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ikun jista jbiddel ċerti allokazzjonijiet skond il-bżonn.

4.04 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tar-reviżjoni tal-Budget.

4.05 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

4.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

**5 Financial Statements**

5.01 Is-Sur Louis Padovani ta spjegazzjoni dwar il-Financial Statements (Ara Appendiċi 'Ċ').

5.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-Financial Statements.

5.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.05 Il-Kunsill irringrazzja lis-sur Padovani u lis-Segretarju Eżekuttiv għar-rapporti li ġew ippreżentati. Is-Sur Padovani ġie skużat fis-2.45p.m

**1.6 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.6.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 28/K5/07 għall-approvazzjoni.

1.6.02 l-Kunsillier Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 28/K5/07.

1.6.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

1.6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 1357 | Ittra mingħand il-Melita Insurance Brokers Ltd rigward Government Gazette Advert No. 3/06-07 - Insurance Coverage. |

1361 & 1885 Ittri mingħand l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta rigward Triq Alfred Gauci.

1362, 1852, 1768, 1900, 1931,K319 & K398 Ittri mingħand id-Direttur ta-Bini u Tiswija tad-Djar Anton Camilleri, Schranz Ltd u l-MP&DC dwar il-Proġett ta' Ta' Ġiorni.

1472 & K280 Ittra li ntbagħtet lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u risposta tagħhom rigward l-impieg ta' Ms Roberta Sammut fuq Scale 13.

1522 Ittra mingħand is-Sur David Soler rigward rapport ta' dħul ta' LES fis-sena finanzjarja.

1548 Ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward devoluzzjoni ta' art ħdejn il-Corinthia San Ġorġ.

1549 Ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward devoluzzjoni ta' area quddiem it-Tigullio.

1550 Ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward devoluzzjoni ta' art ħdejn il-Westin Dragonara.

1564 Ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward devoluzzjoni ta' art ħdejn il-Pjazza tal-Balluta.

1565 Ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward devoluzzjoni ta' Kurridur Ekoloġiku, Ta' Ġiorni.

1573 Ittra mingħand l-Għaqda Maltija ta' l-Ortikultura rigward 'The Great Spring Show'.

1718 Ittra mingħand il-Kunsill Lokali Qala rigward il-Qala International Folk Festival.

1814 Ittra mingħand l-MTA rigward il-Bridge tal-Bajja ta' Spinola.

1827 Ittra mingħand il-Kumitat Festa San Ġiljan rigward materjal biex isiru l-fjakkoli tal-Festa ta' San Ġiljan.

1847&1848 Ittri mingħand id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni rigward Korsijiet fil-Malti u Ingliż bażiku.

1916 Ittra mingħand is-San Ġiljan Aquatic Sports Club rigward l-Annual International Waterpolo Tournament.

1920 Ittra mingħand l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar rigward Siti Vakanti.

1999 Ittra mingħand Ms Marisa Micallef u Ms Lindsay Debattista.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

2.02 Rif. Nru. 1357

B'riferenza għall-korrispondenza mingħand il-Melita Insurance Brokers rigward Tender Nru 3/06-07 saret riferenza għall-Memo LCD 8/2004 dwar Dritt ta' Appell u għall-Avviż legali 457 ta' l-2004 taqsima IV paragrafu 12. Ġie deċiż unanimament li minbarra li jintbagħat l-estratt ta' l-Avviż Legali jiġu nfurmati li peress li d-differenza kienet minima l-Kunsill għażel li jżomm lill-istess kuntrattur li kellu peress li kien sodisfatt bis-servizz.

2.03 Rif. Nru. 1361 & 1885

B'riferenza għall-ittri rigward Triq Alfred Gauci ġie deċiż unanimament li qabel tittieħed xi deċiżjoni ssir laqgħa 'on site' mas-Sur Loreto Spiteri ta' l-ADT dwar din is-sitwazzjoni u dwar it-talbiet l-oħra kollha li l-Kunsill għad għandu pendenti ma' l-ADT. Il-Kunsilliera jiġu nfurmati meta tkun ser issir il-laqgħa biex minn irid jattendi.

2.04 Rif. Nru. 1550

B'riferenza għall-ittra dwar devoluzzjoni ta' art ħdejn il-Westin Dragonara ġie deċiż unanimament li tintbagħat kopja ta' din l-ittra lill MP&DC sabiex tittieħed l-azzjoni meħtieġa.

2.05 Rif. Nru. 1564

B'riferenza għall-ittra dwar id-devoluzzjoni ta' art ħdejn il-Pjazza tal-Balluta ġie deċiż unanimament li għalissa din il-materja titħalla 'on hold'.

2.06 Rif. Nru. 1565

B'riferenza għall-ittra rigward devoluzzjoni ta' Kurridur Ecoloġiku, Ta' Ġiorni ġie deċiż unanimament li din l-ittra terġa tittella mal-korrispondenza tal-laqgħa li jmiss sabiex jiġu ċċarati xi punti qabel ma tittieħed deċiżjoni.

2.07 Rif. Nru. 1573

B'riferenza għall-ittra rigward "The Great Spring Show" inġibdet l-attenzjoni li bħas snin li għaddew il-Kunsill ser jerġa jipparteċipa u li l-pagament diġa ntbagħat.

2.08 Rif. Nru. 1718

B'riferenza għall-ittra rigward il-Qala International Folk Festival ġie deċiż unanimament li:-

- ✓ Jiġu nfurmati li l-Kunsill ser jerġa jipparteċipa f'din l-attivita';
- ✓ issir ittra sabiex jinġabru donazzjonijiet u jekk ma jinġabrux il-Kunsill jalloka Lm500 għal din l-attivita'.

2.09 Rif Nru. 1827

B'riferenza għall-ittra mingħand il-Kumitat tal-Festa ġie deċiż unanimament li bħala attivita' kulturali tiġi organizzata attivita' għar-residenti għaż-żmien il-Festa ta' San Ġijan għall-ammont ta' Lm200.

2.10 Rif. Nru. 1847 & 1848

B'riferenza għall-ittra mingħand id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni rigward korsijiet fil-Malti u Ingliż bażiku ġie deċiż unanimament li joħroġ Avviż fuq il-gazzetti lokali (The Times, The Malta Independent, l-Orizzjont u n-Nazzjon).

2.11 Rif. Nru. 1916

B'riferenza għall-ittra mingħand San Ġiljan Aquatic Sports Club ġie deċiż unanimament li din l-attivita' tiġi organizzata b'kollaborazjoni mal-Kunsill u jitħallsu Lm500 bħala parti mill-ispejjeż involuti.

2.12 Rif. Nru. 1999

B'riferenza għall-ittra mingħand l-iskrivani Marisa Micallef u Lindsay Debattista ġie deċiż unanimament li tittella fuq l-Aġenda li jmiss u li s-Segretarju Eżekuttiv tipprepara rapport.

**6. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

6.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

6.02 l-Kunsillier Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

6.03 Il-Kunsillier Norman Vella issekondah.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

7.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn 2241 sal 2246 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

7.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets.

7.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

7.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**8. Materji oħra**

8.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li:-

- ✓ Is-Sur Antonello Cappitta, Direttur ta' l-European Institute of Education ippreżenta numru ta' kotba lill-Kunsill għal-librerija;

- ✓ Is-Sindku dar il-lokalita' kollha mal-kuntrattur ta' l-istreet lighting u ser issir stima għax-xogħolijiet li hemm bżonn li jsiru.

- ✓ Dwar l-embellishment ta' Xatt is-Sajjieda għaddejjin it-taħdidiet biex sas-Sajf dan il-proġett ikun lest.

8.02 B'riferenza għall-Minuti 28/K5/07 datati 21 ta' Marzu 2007, taqsima 2, paragrafu 2.12, rigward talba għal-loading / unloading space, is-Sur Mario Fava ta' Coleiro General Supplies qed jitlob li dan isir mis-1.00 p.m. sal-5.00 p.m. kuljum, jew inkella t-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa. Ġie deċiż li din it-talba tintbagħat lill-ADT.

8.03 Saret laqgħa ma' rappreżentanta tal-Vodafone u għandhom jintbagħtu xi group rates.

8.04 Ġie deċiż li s-Sindku jgħaddi l-mobile numbers tal-Kunsilliera u ta' l-impjegati tal-Kunsill jekk tinterresahom din l-iskema.

8.05 Inġibdet l-attenzjoni għal-laqgħa li saret ma' l-Ispettur Geoffrey Azzopardi, il-Liason Officer mil-Investigazjonijiet Kriminali. Din il-laqgħa saret nhar il-Erbgħa 18 ta' April 2007 u għaliha kienu preżenti l-Kunsilliera kollha flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Waqt din il-laqgħa l-Kunsill ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn aktar infurzar fl-area ta' Paceville u d-dawra tax-Xatt speċjalment matul ix-xhur tas-Sajf.

8.06 l-Kunsill ġie infurmat bil-laqgħa li ser issir mas-Supretendent Sharon Tanti nhar il-Erbgħa 9 ta' Mejju 2007 fis-2.30p.m.

8.07 Ġie deċiż unanimament li:-

- ✓ Il-kuntrattur jiġi nfurmat li t-tabelli li qed jiġu vvandalizzati jagħmillhom xi tip ta' infurzar filwaqt li l-Kunsill aċċetta l-kwotazzjoni li ngħatat verbalment tad-differenza addizzjonali ta' Lm2.00 kull tabella biex isir dan ix-xogħol.

- ✓ Fejn hemm traffic islands isiru ‘illuminated reflectors’ għall-prezz ta’ Lm11 l-waħda inkluż il-VAT.

- ✓ Tintbagħat ittra lill-MEPA u l-ELC biex tinqala’ s-siġra li hemm f’Wesgħa Ġuże Tanti (ħdejn il-Park Towers) peress li din hija perikoluża għall-pubbliku.

- ✓ Tintbagħat ittra lid-Direttur tal-Kulleġġ ta’ l-Libjani biex jiġi rranġat il-boundary wall tal-kulleġġ peress li huwa ta’ perikolu għall-pubbliku.

- ✓ Tinġibed l-attenzjoni tal-Waste Serv minħabba li meta jitbattlu l-kontenituri tal-‘bring in sites’ qed jitħalla l-ħmieġ mad-dawra tagħhom u mhux qed jitqiegħdu f’posthom sew.

- ✓ Tinġibed l-attenzjoni tan-Northern Cleaning li l-iskips kollha li hawn fil-lokalita’ għandhom bżonn li jinħaslu.

- ✓ Tintbagħat ittra lill-Enemalta sabiex jiżdied il-vultaġġ tad-dawl fil-mini fi Triq Mikiel Anton Vassalli (Regional Road)

- ✓ Tintbagħat ittra lill-MTA sabiex jiġu rranġati l-public conveniences li hemm fi Triq Ġorġ Borg Olivier u ta’ ħdejn it-Tigullio.

- ✓ Tintbagħat ittra lill-Cleansing Services Department biex fil-latrina pubblika li hemm Paceville, fi Triq Elia Zammit, ikun hemm ‘attendant’ il-ħin kollu li tkun miftuħa minħabba li qed ikun hemm ħafna vandaliżmu.

- ✓ jinġabru kwotazzjonijiet sabiex jitpoġġew cctv cameras fil-ġnien (il-parti tat-tieni fażi) li jkopru l-area kollha.

8.08 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fil-4.15 p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |